’

**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**

**Illum l-Erbgħa 05 ta’ Marzu 2025**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 01/2024**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Maher Aljasem**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkużi miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta’l-Akkuża bin-numru 1 tas-sena 2024 kontra Maher Aljasem akkużat:

> **Fl-Ewwel Kap** talli nhar is-sebgħa (7) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), bejn it-tmienja u l-għaxra ta’ filgħaxija (8pm-10pm) ġewwa Triq il-Wied, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija,

dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna, u ċioè lil Fawaz Njem, jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, jikkaġunalha l-mewt.

**Fit-Tieni Kap**, talli nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), bejn it-tmienja u l-għaxra ta' fil-għaxija (8pm/10pm) ġewwa Triq il-Wied, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, biswit il-fond bl-isem ta' 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna l-ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u ċioè lil Kazem Abdalaa, jew ġabilha diżordni f'moħħha.

**Fit-Tielet Kap**, talli nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-għaxra (10pm) ta' filgħaxija, qrib ir-residenza tal-akkużat, fejn il-post jismu 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

**Fir-Raba' Kap**, talli s-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-għaxra (10pm) ta' filgħaxija, fi Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, qrib ir-residenza tal-akkużat, fejn il-post jismu 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat Maher Aljasem flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fid-29 ta' Jannar 2024 fejn eċċepixxa:

i. Il-piena mitluba fl-ewwel kap ta'l-att ta'l-akkuża, li skond il-liġi jirregola reat wieħed biss, hija żbaljata;
ii. In-nullita' tat-tielet kap ta'l-akkuża in kwantu l-fatt miġjub fil-parti narrativa ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt fil-parti akkużatorja ta'l-istess kap;
iii. In-nullita' tar-raba' kap ta'l-att ta'l-akkuża in kwantu l-fatt miġjub fil-parti narrattiva ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt fil-parti akkużatorja ta'l-istess kap;
iv. L-inammissibbilita' ta'l-istqarrija tal-akkużat mogħtija fit-08 ta' Marzu 2022 in vista tal-fatt li ma kienx f'kundizzjoni medika li jagħti tali stqarrija u ma ttieħdet ebda prekawzzjoni dwar dan;

v. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' ta'l-eċċezzjoni preċedenti, l-inammissibbilita' tal-partijiet ta'l-istqarrija ta'l-akkużat mogħtija fit-08 ta' Mejju 2022, fejn tissemma ġlieda li m'għandha ebda konnessjoni mal-fatti tal-każ;
vi. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' ta'l-eċċezzjoni preċedenti, l-inammissibbilita' tal-partijiet ta'l-istqarrija ta'l-akkużat mogħtija fit-08 ta' Mejju 2022 fejn jissemmew dikjarazzjonijiet preċedenti allegatament magħmula minnu in kwantu s-salvagwardji mogħtija mil-liġi ġew kompletament skartati mill-Pulizija kif ukoll in kwantu ma jeżisti ebda dokument dwar dawn id-dikjarazzjonijiet b'dan illi l-akkużat m'għandu ebda kontroll fuq dak allegat mix-xhieda tal-prosekuzzjoni;
vii. l-inamissibbilita' ta'l-istqarrija ta'l-akkużat mogħtija fid-09 ta' Marzu 2022 in vista tal-fatt li ma kienx f'kondizzjoni medika li jagħti tali stqarrija u ma ttieħdet ebda prekawzzjoni dwar dan;
viii. L-inammissibilita' ta' kull referenza fl-evidenza kemm dokumentarja, traskritta u/jew f'*video footage* fejn tissemma ġlieda li m'għandha ebda konnessjoni mal-fatti tal-każ u fejn jissemmew dikjarazzjonijiet preċedenti allegatament magħmula mill-akkużat mingħajr is-salvagwardji mogħtija mil-liġi;
ix. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu tal-volta jsiru bla-wtoriżazzjoni tal-Qorti in kwantu li d-difensuri ta'l-akkużat ma kienx fil-pussess ta'l-atti ta'l-istruttorja fl-intier tagħhom fiż-żmien perentorju mogħti mil-liġi sabie xjingħataw l-eċċezzjonijiet preliminari.

**3**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Ġunju 2024 li permezz tagħha astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tad-disa' (9) eċċezzjoni tal-akkużat Maher Aljasem u ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha mressqa minnu fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet tiegħu ppreżentata fid-29 ta' Jannar 2024 (a fol. 27 et seq.) u dan għajr għall-ħames (5) u t-tmien (8) eċċezzjoni li kienu milqugħa. Ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu ppreżentata fit-2 ta' Frar 2024 (a fol. 32 et seq.) u dan għajr għall-eċċezzjoni li tirrigwarda punt bin-numru erbgħa (4) fil-Lista ta' Xhieda tal-akkużat rigward l-użu tal-kelma "fosthom" b'dan illi fir-rigward ta' dan il-punt huma ammissibbli biss ix-xhieda speċifikament imsemmija fih u ħadd aktar.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell ippreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-02 ta' Lulju 2024 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn din laqgħet l-eċċezzjonijiet bin-numru ħamsa (5) u tmienja (8) tal-akkużat Maher Aljasem u minflok tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali u, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ċaħdet

l-eċċezzjoni imqajjma mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tagħha b'referenza għal punt numru għaxra(10) taħt il-Lista tax-Xhieda u l-punt bin-numru wieħed (1) taħt il-Lista tad-Dokumenti tan-nota tal-eċċezzjonijiet tal-akkużat Maher Aljasem u minflok tilqa' l-aggravju ossia l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali. Tikkonfermaha fil-bqija u tordna il-prosegwiment tal-kawża skond il-liġi.

5. Rat ir-risposta ta'l-akkużat Maher Aljasem ippreżentata fit-13 ta' Settembru 2024 fejn saħaq illi l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali għandu jkun miċħud.

**6.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**7.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

8. Illi l-appellant Avukat Ġenerali permezz tal-ewwel aggravju jilmenta dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Kriminali laqgħet il-ħames u t-tmien eċċezzjonijiet preliminari tal-appellat. Isostni illi l-istqarrija rilaxxata mill-appellat fit-08 ta' Mejju 2022 hija prova ammissibbli fl-intier tagħha stante li ttieħdet skont id-dettami tal-liġi u ngħatat b'mod volontarju, mingħajr biża' jew theddid u mingħajr wegħdiet ta' xi vantaġġ jew rigal, u assistit minn traduttur għal lingwa nattiva tiegħu, u mogħti il-jedd li jkollu avukat preżenti miegħu waqt it-teħid ta'l-istess, wara li kkonsulta ma'l-avukat, l-appellat ddeċieda li dan ma jkunx preżenti waqt li jkun qed jiġi interrogat. Għalhekk m'hemm xejn, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, li jrendi tali stqarrija jew parti minnha inammissibbli. Filwaqt li jagħmel referenza għal ġurisprudenza in materja, jsostni wkoll li dak li jrid jiġi eżaminat fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari huwa l-ammissibbilita' ta' prova o meno, filwaqt li kwistjonijiet ta' rilevanza għandhom jiġu deċiżi mill-Imħallfin tal-fatt. Għalhekk, fil-fehma l-appellant Avukat Ġenerali, f'dan l-istadju tal-proċeduri l-ebda prova m'għandha tiġi eskluża *a priori* fuq kwistjonijiet ta' relevanza. Fit-tieni

aggravju, imbagħad, l-Avukat Ġenerali jilmenta illi l-Qorti Kriminali erronjament aċċettat bħala ammissibbli ix-xhud rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, għall-fini li jindika l-akkużat, u ċioe' sabiex jeżebixxi, jew igħaddi kopja lid-difiża, tal-istqarrijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-persuni interrogati u/jew mitkellma mill-Pulizija matul l-investigazzjoni bil-għan li jkun jista' jeżerċita kontroll fuq ix-xhieda waqt il-ġuri, u dan mingħajr ma jindika fl-ispeċifiku min huma dawn il-persuni, li għalhekk jibqgħu injoti. Jilmenta illi l-Qorti Kriminali ma mxietx bl-istess kejl meta laqgħet l-eċċezzjoni mqanqla minnu li kienet tirrigwarda il-punt bin-numru erbgħa (4) fil-Lista ta' Xhieda tal-akkużat rigward l-użu tal-kelma "fosthom" fejn iddeċidiet illi kienu ammissibbli biss ix-xhieda speċifikament imsemmija fiha u ħadd aktar, filwaqt illi fir-rigward ta' dan ix-xhud ma sabitx oġġezzjoni illi l-ismijiet tal-persuni li tagħhom kienet qed tintalab mill-akkużat l-eżebizzjoni tal-istqarrijiet tagħhom tibqa' injota u għaddiet biex tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni. Id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali illi l-identifikazzjoni tal-persuni speċifiċi ma kenitx meħtieġa f'dan il-każ, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, hija perikoluża, billi l-Prosekuzzjoni ser tbati żvantaġġ għaliex mhijiex ser tkun taf preventivament liema huma dawk ix-xhieda u provi li ser ikollha f'idejha id-difiża.

**9.** L-akkużat jilqa' għal dawn l-aggravji meta jikkontendi, fir-rigward ta'l-ewwel aggravju, illi l-kondotta ta'l-akkużat f'okkazzjonijiet mhux relatati mal-*facts in issue* m'għandiex tinġieb a konjizzjoni tal-ġurati, filwaqt illi fir-rigward tat-tieni aggravju, illi t-talba sabiex il-Kummissarju jippreżenta l-istqarrijiet li kienu meħuda tal-persuni relatati ma' din l-investigazzjoni, huwa dritt li għandu l-akkużat fit-termini ta'l-artikolu 534AF(2) tal-Kodiċi Kriminali fejn il-Prosekuzzjoni qed tfittex li ċċaħħad lill-akkużat minn dokumentazzjoni kruċjali meħtieġa għad-difiża tiegħu intiża biex tikkontrolla ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

**10**. Illi l-Qorti Kriminali dwar l-eċċezzjonijiet bin-numru 5 u 8 iddeċidiet is-segwenti:

> **26. Illi fil-ħames (5) eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' tar-raba' (4) eċċezzjoni, l-inammissibilita' ta' partijiet tal-istqarrija mogħtija minnu fit-8 ta' Mejju 2022 fejn tissemma ġlieda li seħħet

**qabel minħabba li jisħaq li ma għandha ebda konnessjoni mal-fatti tal-każ. Permezz tat-tmien (8) eċċezzjoni, l-akkużat jestendi din it-talba għal kull riferenza fl-evidenza kemm dokumentarja, traskritta u/jew f'*video footage* fejn tissemma tali ġlieda. Għal kull buon fini jingħad li fis-seduta tat-22 ta' Frar 2024 ġie ċċarat li din l-eċċezzjoni tirrigwarda dikjarazzjoni magħmula mill-akkużat waqt l-interrogazzjoni tat-8 ta' Mejju 2022 fejn semma li xi sena qabel kellu inċident ieħor. In fatti fin-Nota ta' Kjarifika (*a fol.* 57 *et seq*.) l-akkużat jispjega li kien qed jirreferi għal paġni tmienja (8) sa għaxra (10) tat-traskrizzjoni tal-istqarrija mogħtija fit-8 ta' Mejju 2022 (preċiżament a fol. 1701, 1702 u 1703).**

**27. Illi waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu fis-seduta tad-9 ta' April 2024, l-Avukat Ġenerali oġġezzjona għal din l-eċċezzjoni u spjega li l-akkużat kellu fedina penali netta, liema fedina penali ġiet ippreżentata.**

**28. Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti tinnota li ż-żewġ eċċezzjonijiet in eżami, ossia l-ħames (5) u t-tmien (8) eċċezzjoni, għandhom jiġu milqugħa u dana fejn issir riferenza għal ġlieda li seħħet sena qabel u dana peress li din il-ġlieda ma għandha l-ebda rilevanza għal dan il-każ. Konsegwentement din il-Qorti tiddikjara li kwalunkwe riferenza fl-atti proċesswali għal din il-ġlieda in kwistjoni tiġi dikjarata bħala inammissibbli.**

**11.** Illi permezz tal-ħames eċċezzjoni preliminari l-appellat eċċepixxa l-inammissibilita' ta' partijiet mill-istqarrija rilaxxata minnu nhar it-8 ta' Mejju 2022, senjatament dik il-parti tal-istqarrija li tinsab a fol. 1701, 1702 u 1703 tal-atti proċesswali, fejn jagħmel referenza għal ġlieda li kienet seħħet sena qabel l-omiċidju mertu ta' dan il-każ. Qed isejjes din l-eċċezzjoni dwar inammissibbilita' ta' evidenza fuq il-fatt illi, fil-fehma tiegħu, din l-allegata ġlieda m'għandha l-ebda konnessjoni mal-fatti tal-każ. Imbagħad, permezz tat-tmien eċċezzjoni preliminari l-appellat estenda din it-talba għal kull riferenza fl-evidenza kemm dokumentarja, traskritta u/jew f'*video footage* fejn tissemma din il-ġlieda.

**12**. Jiġi rilevat li fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari dak li l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi, fit-termini tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali, hija kull eċċezzjoni mogħtija mill-akkużat dwar l-ammissibilita' ta' provi, kontrappost għal kwistjonijiet ta' rilevanza, liema kwistjoni għandha titħalla għal ġudizzju tal-imħallfin tal-fatt waqt iċ-

ċelebrazzjoni tal-ġuri, u dan fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 436(2) tal-Kodiċi Kriminali[1].

**13.** Fis-sentenza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ibrahim Elhamshi Elghaoud et* mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar it-22 ta' Frar 2001, liema sentenza ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti, kif diversament komposta nhar id-9 ta' Jannar 2003, kien hekk deċiż:

> **Kif gie osservat diversi drabi kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kolleggjalment komposta, l-istadju ta' l-eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta' provi li parti jew ohra tkun ser tressaq m'ghandux jintuza biex jitqajjmu kwistjonijiet purament ta' "relevanza" ta' provi, stante li l-kwistjoni tar-relevanza ta' prova, xhud, dokument ecc. hija proprjament imhollija mill-ligi biex tigi deciza fil-kors tal-guri a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 520(2) tal-Kodici Kriminali. Huwa biss meta l-prova tkun manifestament irrelevanti li din il-Qorti tkun gustifikata li tiddikjaraha inammissibbli aprioristikament (cioe` f'dana l-istadju) (ara, fost ohrajn, iz-zewg sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, it-tnejn fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja, tat-3 ta' Mejju, 2000). Id-dokument 21 huwa l-proces-verbal (b'xi atti annessi mieghu) dwar sejba ta' ammont ta' dak li kien qed jigi meqjus bhala raza tal-cannabis minn Ufficjali tad-Dwana fit-13 ta' Gunju, 1998, liema sustanza kienet mohbija f'pakketti tas-sigaretti Rothmans. Id-dokument 22 huwa r-rapport tal-perit nominat biex jezamina din issustanza. Id-dokument 23 huma fil-fatt dokumenti tad-Dwana dwar is-sigaretti msemmija u li allegatament jindikaw, fost affarijiet ohra, isem l-importatur ta' listess sigaretti. U d-dokument 24 huma ritratti ta' impronti digitali allegatament misjuba fuq dawn is-sigaretti u r-relazzjoni relattiva. Issa, huwa veru li dawn is-sigaretti jidher li nstabu wara li l-akkuzati kienu diga tressqu l-Qorti fis-27 ta' Frar, 1998, pero` dana l-fatt wahdu ma jistax iwassal lil din il-Qorti biex tiddikjara dawn id-dokumenti aprioristikament irrelevanti (u, per konsegwenza, inammissibbli) specjalment fid-dawl ta' l-akkuza migjuba fit-tielet kap, cioe` dik ta' assocjazzjoni ghall-finijiet ta' traffikar. <u>Fi kliem iehor, dawn id-dokumenti jistghu jkunu relevanti daqs kemm jistghu ma jkunux, u din il-Qorti ma tarax li f'dana l-istadju, meta l-guri proprja ghadu ma bediex u ghadhom ma bdewx jinstemghu l-provi (li jistghu jkunu provi, fis-sens ta' deposizzjonijiet, differenti minn dawk migjuba fl-istruttorja), ghandha tezamina l-process kollu</u>**

[1] Imiss lill-ġuri li jiddeċidi fuq dak kollu li għandu x'jaqsam dwar jekk l-akkużat hux ħati jew le, u fuq il-kwistjonijiet kollaterali msemmijin taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi; u jmiss lill-qorti li tiddeċidi fuq l-applikazzjoni tal-liġi għall-fatt kif jiġi iddikjarat mill-ġuri, kemm ukoll fuq kull punt ieħor ta' liġi jew tal-fatt dwar il-proċediment

**<u>biex tara kif dawn id-dokumenti jistghu jaghmlu "more or less probable a fact in issue".</u>** (sottolinjar tal-Qorti)

**14**. Illi l-ilment li jqanqal l-appellat permezz tal-ħames eċċezzjoni preliminari ventilata minnu tikkonċerna dik il-parti tal-istqarrija rilaxxata minnu nhar it-8 ta' Mejju 2022 fejn stqarr is-segwenti:

*"**Spettur Wayne Camilleri**: Alright. Mela inti Maher ilek hawn ħames snin. Ġieli kellek xi każijiet oħra mal-pulizija apparti …*

*…*

***Spettur Wayne Camilleri**: … apparti illum?*

*…*

***Interpretu**: Mela, xi sena u xi ħaġa ilu kellu simili ta' dan. L-istess problema.*

***Spettur Shaun Pawney**: Kellu xi ġlieda oħra?*

***Interpretu**: [Kliem b'lingwa barranija] Iva.*

***Spettur Shaun Pawney**: Imma meta ngħidu kellu ġlieda, jiġifieri kellu ġlieda xi ħadd ġie għalih…*

***Maher Aljasem**: Iva.*

***Spettur Shaun Pawney**: … jew hu mar għal xi ħadd?*

*…*

***Interpretu**: [Kliem b'lingwa barranija] Ġew attakkaw lill-familja…*

***Spettur Shaun Pawney**: U iva, jiġifieri imma qatt ma kellek inti problemi inti mal-pulizija?*

*…*

***Maher Aljasem**: Le.*

***Spettur Shaun Pawney**: Inti li kellek xi ħadd ġie għalik?*

***Maher Aljasem**: Iva.*

***Spettur Shaun Pawney**: U inti daħħalt lill-pulizija fiha? U kien hemm rapport min-naħa tiegħek jiġifieri fuq dak il-każ?*

***Maher Aljasem**: Iva.*

***Spettur Shaun Pawney**: Kien hemm rapport. U ma' min kellek xi tgħid dak iż-żmien?*

***Maher Aljasem**: X'inhi?*

***Spettur Shaun Pawney**: Ma' min?*

…

***Spettur Shaun Pawney**: Ma' xi persuni Sirjani, Maltin?*

***Maher Aljasem**: Sirjani.*

***Spettur Shaun Pawney**: Sirjani oħrajn. Tajjeb, alright. Okay.*

***Spettur Wayne Camilleri**: U fejn ġara Malta jew Għawdex?*

***Maher Aljasem**: Malta.*

***Spettur Wayne Camilleri**: Malta.*

…

***Spettur Shaun Pawney**: U minn fejn huma dawn?*

…

***Maher Aljasem**: Iva. [Kliem b'lingwa barranija]*

***Spettur Shaun Pawney**: Jiġifieri dawn il-problemi li kellek dakinhar ma' nies mis-Sahani?*

…

***Spettur Shaun Pawney**: Alright. Alright. Inti dakinhar fejn kont toqgħod imma? Malta? Għawdex?*

…

***Maher Aljasem**: Qormi, Triq Ħaż-Żebbuġ.*

***Spettur Shaun Pawney**: Jiġifieri inti meta kellek din il-kwistjoni kont toqgħod Ħal Qormi?*

***Maher Aljasem**: Iva.*

***Spettur Shaun Pawney**: Tajjeb. U Għawdex issa kemm ilek toqgħod Għawdex inti? Mela inti ilek ħames snin toqgħod Malta b'kollox?*

***Maher Aljasem**: Iva*

***Spettur Shaun Pawney**: U ġo Għawdex kemm?*

***Maher Aljasem**: Kważi sena u nofs hekk.*

***Spettur Shaun Pawney**: Sena u nofs. Jiġifieri mhux, ma kontx tgħix biss ġo dan il-post fejn qed toqgħod issa?*

***Maher Aljasem**: Le. Kont noqgħod qabel x'imkien ieħor."*

**15**. Illi l-fatti rakkontati mill-appellat f'din il-parti ta'l-istqarrija jikkonċernaw incident li seħħ madwar sena qabel li kien komess l-omiċidju mertu tal-każ, fi żmien meta kien joqgħod ġewwa Ħal Qormi, fejn jallega illi kemm hu kif ukoll il-familja tiegħu kienu sfaw aggrediti minn xi persuni ta' nazzjonalita' Sirjana, dwar liema incident huwa kien għamel rapport mal-Pulizija. Illi l-appellat jikkontendi illi dan l-inċident huwa estranju għall-każ *de quo* u għalhekk dak mistqarr minnu huwa manifestament irrelevanti għal *facts in issue*.

**16**. Illi l-Qorti Kriminali laqgħet il-ħames u t-tmien eċċezzjonijiet preliminari ventilati mill-appellat għaliex rriteniet illi din il-ġlieda ma għandha l-ebda relevanza għal dan il-każ. Konsegwentement għaddiet biex tiddikjara illi kwalunkwe referenza fl-atti proċesswali għal din il-ġlieda għandha ukoll tiġi dikjarata bħala inammissibbli. Issa għalkemm il-Qorti Kriminali laqgħet dawn l-eċċezzjonijiet, madanakollu id-deċiżjoni tagħha ma kenitx arġinata fuq il-binarji li abbażi tagħhom l-appellat qanqal dawn l-ilmenti. L-appellat, kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, talab l-isfilz ta' dik il-parti ta'l-istqarrija hawn fuq iċċitata minħabba l-fatt, kif stqarr fir-risposta tiegħu ta'l-appell, illi dan l-episodju minnu rakkontat jista' jitfa' xi dawl, jew

aħjar dell, fuq l-imġieba tiegħu f'okkażżjonijiet li ma humiex relatati mal-*facts in issue*. Iżda, d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali ma kienetx arġinata fuq dan l-argument ta' dritt, iżda unikament fuq kwistjoni ta' rilevanza *ut sic*.

**17.** Illi kif ingħad, il-kwistjoni tar-relevanza ta' prova, xhud, dokument u kwalunkwe evidenza oħra hija imhollija mill-ligi biex tkun deċiża fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-guri. Il-Qorti diffiċilment f'dan l-istadju tista' a prioristikament tiddikjara prova bħala waħda irrilevanti, anke jekk din *prima facie* tkun tidher li m'għandiex x'taqsam mal-*facts in issue*. Dan għaliex huwa fis-setgħa unikament tal-imħallfin tal-fatt li jgħarblu l-provi u jiddeċiedu dak li huwa rilevanti għal fatti tal-każ u dak li għandu jiġi minnhom imwarrab, u din il-Qorti u l-Qorti Kriminali qabilha ma tistax tużurpa din il-funzjoni tal-ġurija popolari, u dan ukoll jekk ai fini ta' prattiċita' jew speditezza ikun jidher illi dik l-evidenza ma tistax titfa' dawl fuq dak li seħħ.

**18**. Illi l-appellat iżda jikkontendi illi dan l-episodju minnu rakkontat jista' jirrifletti ħażin fuq l-imġieba tiegħu u għalhekk ma għandux jinġieb a konjizzjoni tal-ġurati. Ma jidhirx illi l-Qorti Kriminali iżda indirizzat din il-lanjanza, u waqqfet biss, kif ingħad, fuq kwistjoni ta' rilevanza, bl-appellat lanqas ma jressaq xi aggravju fuq dan il-fatt issa fi stadju ta' reviżjoni, għalkemm jidher illi l-Qorti Kriminali laqgħet l-eċċezzjoni tiegħu. Illi dan magħdud madanakollu, l-Qorti hija tal-fehma illi għandha tindirizza din il-lanjanza u dan għaliex anke l-Avukat Ġenerali jissollevaha fl-aggravju minn imqanqal.

**19**. Illi huwa dritt tal-persuna akkużata illi quddiem il-ġurati ma titressaq ebda prova li tista' sservi sabiex b'xi mod dirett jew indirett torbot ma' xi passat refrattarju jew kriminuż tiegħu. Matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma jistgħux jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurija xi anteċedenti penali tal-persuna akkużata, kif lanqas jista' jinġieb a konjizzjoni tagħhom l-addebitu tar-reċidiva, bil-ġudizzju dwar l-istess jiġi mholli f'idejhom biss <u>wara</u> li jingħata l-verdett fuq l-akkużi migjuba 'il quddiem fl-Att ta'l-Akkuza, u dan f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Issa, dak li jsemmi l-appellat f'din il-parti tal-istqarrija li hija oġġezzjonabbli għalih, ma titkellimx dwar xi anteċedenti penali tiegħu, jew xi kundanni

preċedenti, kif lanqas ma turi xi karattru refrattarju kif lamentat, billi jidher illi f'dan ir-rakkont huwa kien il-vittma u mhux l-aggressur. Jikkonsegwi għalhekk illi lanqas f'dan is-sens ma jista' jingħad illi dawn il-brani fl-istqarrija tal-appellat huma inammissibbli, sabiex b'hekk il-Qorti Kriminali erronjament ordnat it-twarrib tagħhom u ta' kwalunkwe prova oħra fejn saret referenza għall-istess. Kwindi, tħares lejn l-eċċezzjoni kemm mill-ottika ta' rilevanza, kif ukoll ta' ammissibbilita', ma jistax f'dan l-istadju tal-proċeduri titwarrab din il-parti mill-istqarrija tal-appellat u dan għaliex fl-ewwel lok kwistjonijiet dwar ir-rilevanza ta' evidenza taqa' unikament fil-kompetenza tal-ġurija popolari, u fit-tieni lok din il-prova lanqas ma tista' titqies li hija  inammissibbli billi ma taqax fl-esklużjoni li titkellem fuqha l-liġi dwar l-anteċedenti penali tal-akkużat jew dwar xi karattru refrattarju tiegħu. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment u qed jiġi milqugħ.

**20.** Illi l-Avukat Ġenerali permezz tat-tieni aggravju jilmenta mill-fatt li l-eċċezzjoni relattiva tiegħu dwar ammissibbilita' ta' evidenza fir-rigward tax-xhud indikat bin-numru 10 fil-'Lista tax-Xhieda' tal-appellat, u d-dokumenti indikati bin-numru 1 fil-'Lista tad-Dokumenti' kienet mill-Qorti Kriminali miċħuda. L-Avukat Ġenerali jsostni li dak mitlub mill-appellat fil-punti msemmija huwa inammissibbli u dan stante li ma speċifikax u ma identifikax il-persuni li tagħhom qed jintalbu l-istqarrijiet u/jew dikjarazzjonijiet u lanqas ma elenka liema dokumenti qed jitlob li jiġu provduti mix-xhud rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**21**. Illi l-appellat fil-Lista tax-Xhieda talab *inter alia* li jressaq bħala xhud lil "*Rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jesebixxi, jew jgħaddi kopja lid-Difiża, kopja ta' l-istqarrijiet u d-dikjarazzjonjiet tal-persuni interrogati u/jew mitkellma mill-Pulizija matul l-investigazzjoni; għall-finijiet ta' kontroll tax-xhieda waqt il-ġuri*." Imbagħad fil-Lista ta' Dokumenti jitlob li jkunu eżebiti, "*Kopja ta' l-istqarrijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-persuni interrogati u/jew mitkellma mill-Pulizija matul l-investigazzjoni għall-finijiet ta' kontroll.*"

**22.** Illi l-Qorti Kriminali iddeċidet din l-eċċezzjoni dwar inammissibbilita' ta' xhieda u dokumenti mill-Avukat Ġenerali bis-segwenti mod:

> **42. Illi rigward punt numru għaxra (10) fil-Lista tax-Xhieda tal-akkużat, l-Avukat Ġenerali joġġezzjona li l-akkużat ma identifikax il-persuna in kwistjoni. F'dan il-punt imsemmi, l-akkużat jgħid hekk (a fol. 29):** ***"Rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeżebixxi, jew jgħaddi kopja lid-difiża, kopja tal-istqarrijiet u ddikjarazzjonijiet tal-persuni interrogati u/jew mitkellma mill-Pulizija matul l-investigazzjoni; għall-finijiet ta' kontroll tax-xhieda waqt il-ġuri."*** **Minn qari ta' dan il-punt u meħud in konsiderazzjoni l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali, din il-Qorti tinnota li f'dan il-każ l-identifikazzjoni tal-persuna speċifika in kwistjoni ma hijiex neċessarja u dana stante li dak li qed jintalab mill-akkużat huwa ċar. Għaldaqstant, l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali f'dan ir-rigward qed tiġi mwarrba.**

**23**. Illi l-appellat isejjes it-talba tiegħu sabiex jitressaq dan ix-xhud u jkunu eżebiti l-istqarrijiet, u d-dikjarazzjonijiet li saru mill-persuni relatati mal-investigazzjoni marbuta ma' dan il-każ, fuq dak li jiddisponi l-artikolu 534AF(2) tal-Kodiċi Kriminali, f'liema artikolu tal-liġi ġiet imħaddna ir-regola hekk imsejjħa ta' *disclosure*:

> **Il-persuna suspettata jew l-akkużat <u>għandu</u> jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.**

Illi għalhekk din id-dispożizzjoni tal-liġi tagħti dritt lill-akkużat sabiex ikollu aċċess għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija u dan in omaġġ mal-prinċipju tal-parita' tal-armi bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża bil-għan aħħari jkun li l-akkużat jista' jipprepara d-difiża tiegħu.

**24**. Illi l-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-argument ta'l-Avukat Ġenerali illi dawn il-persuni huma injoti u dan għaliex l-iskop li għalih l-appellat qiegħed jitlob din l-informazzjoni huwa sabiex ikun jista' jeżerċita kontroll fuq ix-xhieda li ser jitressqu mill-Prosekuzzjoni u mhux biex iressaq xi xhieda ġodda, u li allura ma humiex magħrufa. Issa huwa minnu illi l-appellat seta' għamel din il-prova fl-istadju kumpilatorju bis-saħħa ta'

dak dispost fl-artikolu 405(5) tal-Kodiċi Kriminali billi jagħmel l-kontro-eżami lill-investigaturi u jistaqsiehom biex jindikaw dawk il-persuni li kienu minnhom interrogati in konessjoni mal-każ, madanakollu dan in-nuqqas ma jfissirx illi ma jistax jindika lir-rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jeżebixxi dawn l-istqarrijiet u dokumentazzjoni fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri għaliex l-unika persuna li setgħet issofri xi preġudizzju bil-fatt illi din l-evidenza ma kenitx magħrufa għalih qabel il-ġuri, huwa biss l-akkużat u ħadd iktar.

**25**. Illi fuq kollox l-Avukat Ġenerali ma jistax jippretendi li jkun l-appellat li jidentifika l-ismijiet tal-persuni interrogati u/jew mitkellma mill-Pulizija meta l-appellat ma għandux aċċess għal fajl tal-pulizija marbuta mal-investigazzjoni, persuni li allura ma humiex injoti għal Prosekuzzjoni. Illi fil-fatt, għalkemm l-appellant Avukat Ġenerali, fir-rikors tal-appell tiegħu, jakkampa favur tiegħu id-deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-każ *Ir-Repubblika ta' Malta vs. Christian Grech* mogħtija nhar it-22 ta' Mejju 2024 sabiex jisħaq fuq il-prinċipju tal-parita' tal-armi, jiġi rilevat illi ċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ u tal-każ *de quo* huma *toto caelo* differenti, u dan għaliex bix-xhud mitlub mid-Difiża u d-dokumenti li qed jintalab li jkunu ippreżentati, l-parti avversarja, f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni, żgur li mhux ser tiffaċċja xi forma ta' element ta' sorpriża waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u dan għaliex il-Prosekuzzjoni diġa' qiegħda fil-pussess ta' dawn id-dokumenti u allura diġa' għandha aċċess għall-istess u hija konsapevoli tal-kontenut tagħhom.

**26.** Finalment kien fis-setgħa tal-Qorti Kriminali wara li kienet ippreżentata in-nota ta'l-Avukat Ġenerali fit-termini ta'l-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali illi "***ex officio*** **jew fuq rikors tal-Avukat Ġenerali jew tal-akkużat titlob li dak li jrid jiġi ippruvat bix-xhieda, dokumenti jew oġġetti jiġi iddikjarat**", u dan sabiex il-kwistjoni dwar l-inammissibbilita' imqanqla mill-Avukat Ġenerali tiġi rimedjata.

**27**. Għalhekk tenut kont dan kollu, u tenut kont li dak mitlub mill-appellat huwa msejjes fuq disposizzjoni tal-liġi li tagħti s-saħħa lit-talba tiegħu, dan l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed jkun miċħud.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk sabiex tilqa' l-ewwel aggravju u kwindi tirrevoka s-sentenza appellata fejn din laqgħet il-ħames u it-tmien eċċezzjoni sollevati mill-akkużat, u minflok tgħaddi biex tiċħad l-istess. Tiċħad it-tieni aggravju u tgħaddi għalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Tibgħat l-atti lura lill-Qorti Kriminali sabiex jitkompla is-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**